MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2010

Rikors Numru. 382/2009

George Bugeja (421156M)
Vs
Benedetta Meilak (289336M) armla ta' Joseph Meilak; Raymond Meilak (23860M); Herman Meilak (175361M); Christopher Meilak (399162M) u Veronica Tabone mart Patrick Tabone (87369M)

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' George Bugeja fejn gie premess:

1. Illi b' sentenza moghtija minn din il-Qorti stess fit-30 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet George Bugeja vs Joseph Meilak (Citaz Nru. 462/02TM), l-esponent kien kanonizzat kreditur ta' Joseph, awtur tal-intimati, fis-somma ta' tlieta u erbghin elf lira Maltin (LM 43,000) ekwivalenti ghal mitt elf

u mija u tlieta u sittin Ewro u sitt centezmi (€ 100,163.06), bl-imghaxijiet legali mill-24 ta' Jannar 2002 sad-data tal-pagament effettiv, u bid-drittijiet u l-ispejjez gudizzjarji (Dokument A).

2. Illi l-imsemmi Joseph Meilak intavola appell mill-imsemmija sentenza, izda l-appell tieghu gie dikjarat dezert fit-23 ta' Gunju 2006, u b' hekk l-imsemmija sentenza ghaddiet in gudikat (Dokument B).

3. Illi Joseph Meilak miet fis-26 ta' Settembru 2007 u bl-ahhar testment tieghu unica charta, li kien ghamel mal-intimata martu Benedetta Meilak fl-atti tan-Nutar Anthony Attard fit-2 ta' Lulju 1987, huwa halla b' titolu ta' legat l-uzu u l-uzuftutt ta' l-assi ereditarju tieghu lil martu Benedetta Meilak u innomina u istitwixxa b' eredi universali tieghu f' sehem indaqs bejniethom lill-erba' uliedu l-intimati l-ohra Raymond Meilak, Herman Meilak, Christopher Meilak u Veronica Tabone, ahwa Meilak.

4. Illi l-imsemmija sentenza fl-ismijiet George Bugeja vs Joseph Meilak ghadha sal-lum ma gietx ezegwita.

5. Illi l-esponent jikkonferma li huwa jinsab kreditur tal-intimati, bhala sucessuri ta' Joseph Meilak, fis-somma komplessiva ta' mija u erbgha u sittin elf tlett mija u sebgha u hamsin Ewro u tmenin centezmu (€ 164,357.80) dovuti kwantu ghal mitt elf u mija u tlieta u sittin Ewro u sitt centezmi (€ 100,163.06) rifuzjoni ta' self somministrat lil Joseph Meilak, kwantu ghal tmienja u hamsin elf u erba' u disghin Ewro u wiehed u hamsin cetnezmi (€58094.51) imghaxijiet legali mill-24 ta' Jannar 2002 sal-lum skond l-imsemmija sentenza, u l-bilanc elf mitejn u sitta u hamsin ewro u sitta u sittin centezmi (€ 6,100.23) drittijiet u spejjez gudizzjarji, u VAT skond l-istess sentenza.

Fuq dawn il-premessi r-rikorrenti talab li jigi ordnat kontra l-intimati l-ezekuzzjoni tas-sentenza fl-ismijiet George Bugeja vs Joseph Meilak (Citaz Nru. 462/02TM) moghtija minn din il-Qorti fit-30 ta' Ottubru 2003, u li ghaddiet in gudikat fit-23 ta' Gunju 2006. Bl-ispejjez.

Rat il-lista tad-dokumenti tar-rikorrenti;

Rat illi l-intimati debitament notifikati ma ghamlux ir-risposta taghhom u lanqas dehru f' din il-kawza;

Semghet lir-rikorrenti;

Rat l-atti kollha l' ohra tal-kawza;

Rat li r-rikors gie differit sabiex tinghata s-sentenza;

Ikkonsidrat:

Mill-provi kollha prodotti it-talbiet tar-rikorrenti jirrizultaw gustifikati;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tordna li r-rikorrenti jesegwixxi kontra l-intimati s-sentenza fl-ismijiet George Bugeja -vs- Joseph Meilak (Citazzjoni Nru. 462/02 TM) moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-30 ta' Ottubru 2003.

L-ispejjez jithallsu kollha mill-intimati

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------